MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Numru. 451/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Carmelo maghruf bhlala Charles Fenech**

Kumpilazzjoni Nru: 451/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo k/a Charles Fenech, ta' 43 sena, bin Carmelo u Theresa nee' Spiteri, imwieled Zejtun, fid-29 ta' Jannar, 1966 u residenti gewwa 15 Triq San Gwann Zejtun u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 83566(M).

1 Talli bejn Marzu 2008 u Settembru 2008 f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula

b’ rizoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz jew billi qeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-socjeta’ Anthony Falzon and Sons, ai termini ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2 U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tal-persuni hawn fuq imsemmija, ai termini ta’ l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3 U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta’ l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4 Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 293, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsudra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li ntlahaq ftehiem bejn l-imputat u l-parte civile dwar il-hlas ta' l-ammont dovut u li l-imputat diga hallas kwazi nofs l-ammont dovut lill-parte civile. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 293, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmiern tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbiulta tieghu u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------